# It-Tlugħ ta' Sidtna Marija fis-sema

O isem ħelu ta' Marija f'moħħna
arġa' nisslilna dak il-ħsieb sabiħ
ħeġġilna qalbna b'dak in-nar ta' mħabba
li dan il-jum t'Awwissu jiġbor fih.

Dik l-ewwel darba, meta nkiteb l-isem
tiegħek Marija mtajjra ġos-smewwiet:
dik l-ewwel darba meta r-raħal tagħna
l-għajta qawwija ma' kull trejqa ġriet:

Dija tal-kwiekeb tiżraq fl-għajnejn tiegħek
f'ħaddejk tal-warda ta' ġo' 'l ġonna 'l-lwien
b'ħarstek mitlufa lejn is-sħab—hekk rajtek
għaddejja xxerred barka kullimkien.

U n-nies tar-raħal sebbħu ħdura u bnadar
u raxxu l-fjuri biex juruk il-qalb,
u kellhom f'wiċċhom ħarsa mfawwra bl-hena
u dmugħ u qima u ismek biss fit-talb.

F'dal-jum t'Awwissu, l-isbaħ tul is-sena,
f'dal-jum ta' l-ogħna u l-egħżeż tifkiriet
f'dal-jum imħolli minn missirijietna
biss f'ġieħ Marija mtajjra fis-smewwiet

Itilqu r-riedni ta' l-imħabba tagħkom
ja wlied maħbuba, qlub b'ferħ maqsumin
u qatt la tħallu lil Marija tagħżel
bejnhom u ta' qabilhom il-mejtin.

Ħudu l-ward aħmar, ħudu r-rand u l-liedna
żejnu dad-daqxejn raħal, qalbenin
agħmluh għamara tixraq lil Marija
u tuha qlubkom bil-ferħ mimlijin.

Sejħulha l-Omm ta' min ħalaqha u Ommkom
sejħulha bl-isem li f'qalbkom miktub,
ħa' xxerred barka fuq da r-raħal ċkejken,
ħa' tibqa magħna f'dar-raħal maħbub.

O isem ħelu ta' Marija, isem
li għallmitna Ommnha, l-ewwel fost il-kliem,
ħeġġeġ sidirna bl-aqwa nar ta' mħabba
f'dal jum ta' hena, ta' tifkira u sliem.

F. Mangion